**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 26 ta' Jannar, 2016

Rikors Guramentat numru : 469/2015 AL

AB

vs

CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mir-rikorrenti, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

> Illi l-partijiet izzewwgu fl- 10 ta' Frar 1996 certifikat taz-zwieg anness Dok. A.
>
> Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewgt itfal, tifla N li f'Dicembru li gej taghlaq dsatax (19)-il sena u J li ghandha tlettax (13)-il sena.

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt atti Nutar Josef Masini Vento tat-13 ta' Lulju 2011 (Dok. B).

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li minbarra li l-partijiet ilhom separati ghal aktar minn erba` snin llum ghandhom hajja totalment separata minn xuxlin.

Illi l-manteniment a favur il-mara ma hemmx peress li l-partijiet rrinunzja ghal manteniment minghand xuxlin u l-intimat qed jghaddi regolarment manteniment ghal uliedu.

Illi l-mara tixtieq li tirriverti lura ghal kunjomha  xebba u cioe` 'Z' u dan ai termini tal-art 62 tal-Kap. 16.

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju skont l-art. 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talbet  li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex  :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg li gie ccelebrat fl-10 ta' Frar 1996;
2. Li l-mara tirriverti ghal kunjomha ta' xebba 'Zammit'
3. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-rikors illi gie kkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti ;

Rat id-dokumenti li gew esebiti ;

Rat id-digriet taghha tat-12 ta' Novembru, 2015 ;

Rat li l-intimat debitament notifikat ma pprezentax risposta u ma deherx ghal dawn il-proceduri ;

Rat illi r-rikorrenti talbet sabiex tigi awtorizzata tirriverti lura ghal kunjom xbubitha u cioe` Zammit u l-Qorti qeghda tilqa` din  t-talba ;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Rat illi r-rikorrenti ssodisfat ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-ligi sabiex zwieg jigi mahlul peress illi ppruvat li l-partijiet ilhom legalment separati mit-13 ta' Lulju 2011 u ilhom ghal aktar minn erba` (4) snin de facto separati minn ma' xulxin ;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, il-Qorti filwaqt li tawtorizza lir-rikorrenti tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe Zammit, qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.